**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

Fl-atti tat-Talba CCT 44/26/F

**Jurgen Xerri (KI 151479M) u Mary Scerri (KI 343854M)**[1]

**vs**

**E-Rebelz – David Dimech (KI 127690M)**

Illum, 6 ta' Lulju 2026

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-2 ta' Marzu 2026;

Ra r-Risposta tal-azjenda intimata ppreżentata waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2026;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallashom is-somma ta' elfejn, sitt mija u ħamsin Euro (€2,650). In sostenn ta' dan, jġġid li fit-13 ta' Ottubru 2025 xtara rota elettronika mingħand l-azjenda intimata u fit-30 ta' Ottubru tal-istess sena, wara biss ħmistax, marrilha il-mutur. Jgħid li kkonsenjaha lill-azjenbda intimata għat-tiswija imma baqa' ma ħax sodisfazzjon. Jgħid li

[1] Kif inkluża permezz ta' digriet tat-Tribunal tat-30 ta' Ġunju 2026

r-rota ma jridhiex lura iżda jrid rimborż ta' prezzha. Għalhekk, it-Tribunal jifhem li r-Rikorrenti qed jitolbu l-ħall tal-bejgħ u rifużjoni totali tal-prezz imħallas.

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata tirribatti fil-mertu li s-somma ta' €2,650 kif mitluba żgur mhix dovuta għax il-prezz tar-rota kien €2,400 u li fil-fatt, ir-rota issewwiet billi mbidlilha l-mutur u kienet lesta biex tingħabar fil-15 ta' Jannar 2026. Tiskuża ruħha tad-dewmien imma tgħid li għamlet mill-aħjar li setgħet u mingħajr ma talbet l-ebda ħlas lir-Rikorrent.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. Għalhekk, in prinċipju, dan li qed jitolbu r-Rikorrenti jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħhom bħala Konsumaturi. Ovvjament, bħal kull dritt ieħor, dan huwa soġġett għal limitazzjonijiet li joħorġu jew mill-liġi stess.

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent Jurgen Xerri jikkonferma l-fatti msemmija fl-Avviż tat-Talba. Missieru Carmel Xerri jixhed li kien hu li l-aktar kien qed jiġri wara l-azjenda intimata dwar ir-rota u jgħid li dejjem kien qed jiġi rinfaċċjat bi skużi għalfejn ir-rota ma kienitx lesta. Kellu jagħmel erba xhur iwassal lir-Rikorrent għax-xogħol u lura minħabba li tul iż-żmien li r-rota kienet għat-tiswija, ma ingħatax *replacement.*

Illi fix-xhieda ta' David Dimech, it-tempistika lamentata mir-Rikorrenti hija essenzjalment ikkonfermata, imma tingħata spjegazzjoni fis-sens li r-reazzjoni minn naħa tagħha għall-ilment kienet waħda pronta, imma minkejja dan, kien hemm dewmien minn naħa tal-manifattur fl-Italja sabiex jintbagħtu l-*parts* li kienu meħtieġa taħt il-garanzija. Jipprovdi *timeline* dettaljat in sostenn ta' dan.

Illi jidher li huwa paċifiku bejn il-partijiet li llum ir-rota fil-fatt issewwiet u ilha lesta minn Jannar 2026 imma r-Rikorrent Jurgen Xerri qed jinsisti li ma jridhiex lura minħabba li għadda wisq żmien. Għalhekk, ir-rota għadha fil-pussess tal-azjenda intimata.

Illi t-Tribunal jinnota li permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qed jitlob rifużjoni sħiħa tal-prezz imħallas għar-rota, talba li minn natura tagħha stess tippresupponi dikjarazzjoni ta' xoljiment tar-rabta tal-kuntratt tal-bejgħ (*actio redhibitoria*). Dan ir-rimedju, kif appena aċċennat, huwa permess taħt l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, minħabba l-fatt li kienu r-Rikorrent stess li kkonsenjaw ir-rota għat-tiswija u wkoll minħabba l-fatt li mill-provi joħroġ li llum ir-rota fil-fatt issewwiet, it-Tribunal iqis li għandu japplika l-Artikolu 75 tal-imsemmi Att, peress li r-rimedju magħżul jimponi oneru sproporzonat fuq il-bejjiegħ meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Għalhekk, it-talba għall-ħall tal-bejgħ u rifużjoni ser tiġi miċħuda.

Illi mill-banda l-oħra t-Tribunal mill-ewwel jissottolinea li jekk kien hemm dewmien sabiex il-manifattur fl-Italja jissuplixxi l-*parts* taħt il-garanzija[2], dan xortawaħda mhux skużant għall-azjenda intimata li tippresta servizzi tajjeb, fil-ħin, u skont il-liġi lill-klijenti tagħha. Ir-relazzjoni kontrattwali tar-Rikorrenit hija mal-azjenda intimata u ħadd iżjed u għalhekk, huwa ġustifikat li jippretendu servizz tajjeb mingħandha. Għalhekk, fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li qies sewwa ċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal ser jillikwida favur ir-Rikorrenti s-somma ta' mitejn Euro (€200) bħala danni morali minħabba l-inkonvenjenza kkawżata tenur kont tad-dewmien konsiderevoli sabiex issir it-tiswija fuq ir-rota.

**Deċiżjoni:**

**Għalqastant, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jiddisponi minn din it-Talba hekk:**

**1.Jiċħad it-Talba tar-Rikorrenti għall-ħall tal-bejgħ u rimborż tal-prezz fis-somma ta' elfejn, sitt mija u ħamsin Euro (€2,650);**

**2.Jordna lill-azjenda intimata sabiex a spejjeż tagħha u sa mhux aktar tard minn ġimgħa minn din is-sentenza tikkonsenja r-rota in kwistjoni lir-Rikorrenti fi stat ta' konformità;**

**3.Jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex immedjatament tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' mitejn Euro (€200) bħala danni morali għall-inkonvenjenza kkawżata.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.), ECPC-B (Maastricht)**
***Arbitru***

[2] Mill-provi, senjatament messaġġi WhatsApp bejn David Dimech u ċertu 'Gabriele Italmoto' ("Dok DD2"), joħroġ li l-*parts* ġew speditì mill-Italja fit-18 ta' Diċembru 2025, meta fil-fatt ir-rota kienet iddaħħlet għat-tiswija fl-aħħar ta' Ottubru 2025, kważi xahrejn qabel.